**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 223/2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**-Vs-**

**LIAM SPITERI**

**Illum, 10 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **LIAM SPITERI** ta' 28 sena, iben Martin u Rita neeċ Spiteri, li twieled ġewwa l-Pieta' fil-31 ta' Ottubru 1993, residenti fil-fond Victoria Shooters, The Sports Club, Triq Pinto, Ħal Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0491993M, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-18 ta' April 2022 bejn il-ħinijiet ta' 00:00 u 07:00 ta' filgħodu għall-ħabta ta' 20:00hrs ġewwa Ħal Qormi u f'dawn il-gżejjer:-

1. Mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikou ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Valarie Bonsfield u dan bi ksur tal-Art. 214 u 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Insulta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Valarie Bonsfield. Art 339(1)(e) Kap 9.

3. Aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

4. Aktar talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu fil-ħamsa (5) ta' Jannar 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi[1];

Rat in-nota tal-4 ta' Jannar 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 202(h), 214, 215, 216, 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 28A, 28B, 28C, 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminalil, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Eżami wara li nqaraw l-akkużi kif korretti fis-17 ta' Ottubru 2022.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni tal-4 ta' Gunju 2024 u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-imputat ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ huwa wieħed ta' vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imputat u l-allegat vittma, Valerie Bonsfield, kienu f'relazzjoni u dan għal madwar erba' xhur, meta ġara l-inċident mertu tal-akkżui odjerni fit-18 ta' April 2022 fejn l-imputat allegatament sawwatha diversi drabi u heddidha.

Qabel xejn il-Qorti sejra tibda biex tittratta s-sottomissjoni magħmula mid-difiża fin-nota tagħha tat-3 ta' Lulju 2024, illi l-proċeduri huma "*monki u nulli*" u li l-Qorti għandha "*tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-akkużi*" u tillibera lill-imputat mill-akkużi kollha. Dan għaliex fil-fehma tad-difiża, wara li l-Qorti kienet laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali biex tiżdied l-akkuża taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li l-imputat ikkommetta reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u reġgħu nqraw l-akkużi bil-ġurament u sar l-eżami tal-imputat bla ġurrament taħt l-artikolu 392 tal-Kodiċi Kriminali, messha reġgħet iddeċidiet f'dak l-istadju jekk kienx hemm jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża taħt l-artikolu

401(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ġie sottomess li ż-żieda ta' din l-akkuża ġabet żieda fil-piena u konsegwentement il-każ kellu jeġa' jibda mill-ġdid u n-nuqqas tal-għoti tad-deċiżjoni taħt l-imsemmi artikolu 401(2) tal-Kap. 9.

Il-Qorti tibda biex tosserva li kieku għandha tassew tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-akkużi, ma tistax ukoll fl-istess waqt, tillibera lill-imputat mill-akkużi. Iżda fi kwalsiasi każ, ma tistax taqbel mal-argoment tad-difiża meta saħqet li l-proċeduri huma nulli (preżumibbilment taħt l-artikolu 597(4) tal-Kap. 9 għaliex hija nieqsa d-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuza).

Waqt is-smigħ tal-kawza fis-17 ta' Ottubru 2022, wara li awtorizzat iż-żieda tal-akkuża taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 u segwiet il-proċedura stabbilita fl-artikoli 391 u 392 tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali "*wara li rat l-Art. 435(2) tal-Kap. 9*". L-artikolu 435(1) tal-Kap. 9 jiddisponi li l-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma' dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni u skont is-subinċiż (2):-

*"Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil-kompilazzjoni, l-Avukat Ġenerali għandu jagħmel talba lill-Qorti tal-Maġistrati, u dik il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. F'dawn il-każijiet iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jerġa' jibda mill-ġdid, u l-ewwel żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati."*

Il-Qorti għamlet referenza għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 435(2) tal-Kap. 9 f'dak l-istadju għaliex evidentement, l-akkuża taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 li l-Avukat Ġenerali talab li tiddaħħal fil-kompilazzjoni, ma huwiex reat għal kollox iddivrenzjat mir-reati li kienu diġa' mdaħħlin fil-kompilazzjoni, f'liema każ kienu jsibu riskontru d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 435 tal-Kap. 9 u kien ikollu raġun l-imputat li kellha tinbeda kompilazzjoni ġdida u separata rigward dak ir-reat l-ieħor.

L-artikolu 435(3) jiddisponi:

*"Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunximdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandhatinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida useparata rigward dan ir-reat l-ieħor."*

**Fil-fehma tal-Qorti, l-akkuża tal-kommissjoni ta' reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 li l-Avukat Ġenerali talab li tiżdied fil-kompilazzjoni, tirreferi sewwasew għar-reati li l-imputat diġa' ġie mixli dwarhom fil-kompilazzjoni. Akkuża li indubbjament, hija dwar "*reat ieħor li mill-provi miġbura mill-Avukat Ġenerali*" irriżulta li ma kienx imdaħħal fil-kompilazzjoni, u lanqas m'huwa reat separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reati diġa' mdaħħlin fil-kompilazzjoni – għall-kuntrarju, huwa marbut sfiq magħhom. Kemm hu hekk, l-imputat issa qed jiġi mixli li kkommetta dawn ir-reati ġja' addebitati lilu, meta kien taħt sentenza sospiża.**

Dan kollu jfisser illi m'hemmx il-ħtieġa li l-kompilazzjoni tinbeda mill-ġdid kif hemm maħsub fis-subartikou (3) tal-artikolu 435 tal-Kap. 9 għaliex din effettivament kellha biss tissokta.

Għandu jingħad ukoll illi n-nullita' eċċepita mid-difiża ma tinkwadrax lanqas bħala raġuni għan-nullita' tal-att tal-akkuża minħabba difett fl-atti tal-kompilazzjoni kif maħsub taħt l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li jelenka b'mod kategoriku d-difetti fil-kompilazzjoni li jġibu n-nullita'. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li tassew l-att tal-akkuża jista' jiġi attakkat jekk ikun hemm in-nuqqas ***"għal kollox"*** tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, din id-deċiżjoni m'hijiex nieqsa "***għal kollox***" fil-proċeduri odjeni għaliex din ingħatat fl-1 ta' Ġunju 2022 skont kif jirriżulta mill-verbal tas-smigħ tal-kompilazzjoni fl-imsemmija data.

Dan il-ħsieb huwa konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Zarb**[2] fejn ġie ritenut, f'każ fejn żdiedet akkuża dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri f'kompilazzjoni dwar ir-reat ta' stupru:-

"29. *Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sinjifikat ta' dan l-artikolu huwa sempliċi. Fejn jirriżulta lill-Avukat Ġenerali xi reat ieħor li ma jkunx ġie akkużat bih l-imputat, l-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti Istruttorja biex tipproċedi fuq dak ir-reat l-ieħor billi, jekk ikun reat "separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni" il-Qorti Istruttorja tibda kompilazzjoni ġdida fuq ir-reat l-ieħor, iżda fejn ir-reat l-ieħor ma jkunx hekk "separat u ddivrenzjat", il-Qorti Istruttorja "tissokta" bil-kompilazzjoni (fit-test Ingliż: "shall continue the inquiry"). Allura f'dawk il-każijiet fejn il-kompilazzjoni għandha "tissokta" bil-kompilazzjoni, ġaladarba jkun diga` ngħata d-digriet tal prima facie, mhemmx il-ħtieġa li jerġa' jingħata tali digriet b'referenza għar-reat miżjud.*

*30. Irid jingħad illi meta jingħata d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti Istruttorja ma toqgħodx tispigola dwar liema reat/i tkun qed tagħti tali digriet. Fil-fatt, fost ir-reati li bihom persuna tiġi akkużata jista' jkun hemm anke reat jew aktar ta' natura kontravvenzjonali.*

*31. Issa, fir-reat ta' stupru hemm kompriż u involut ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Għalhekk fil-każ in eżami ma kellhiex tinbeda kompilazzjoni ġdida a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 435 iżda kellha tissokta l-istess kompilazzjoni a tenur tas-subartikolu (2). Ir-referenza li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 435 li jerġa' jibda mill-ġdid iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ppreżentat l-att tal-akkuża hi dik li hi, referenza għat-termini li tipprovdi l-liġi.*

[2] 23 ta' Jannar 2014.

*Ma jingħadx (bħalma hemm fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali) li meta tingħalaq il-kompilazzjoni f'dan l-istadju, il-qorti trid tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża b'referenza għar-reat il-ġdid.*

...

*32. Għalhekk, ġaladarba l-kompilazzjoni kellha biss "tissokta", ma kienx hemm il-ħtieġa lanqas illi jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diga` nstemgħu salv, naturalment, xhieda dwar ir-reat miżjud u xhieda oħra dwar ir-reati oriġinali li forsi kienu għadhom ma xehdux."*

Għaldaqstant, billi f'dawn iċ-ċirkostanzi ma kienx meħtieġ li tingħata deċiżjoni oħra taħt l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9 wara li ġie imdaħħal reat ieħor fil-kompilazzjoni fis-17 ta' Ottubru 2022, u l-kompilazzjoni kellha biss tissokta wkoll dwar dan ir-reat ġdid, l-eċċezzjoni mqanqla mid-difiża m'hijiex tajba u sejra tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

**Valerie Bonsfield** xehdet illi wara l-11.00 p.m. fis-17 ta' April 2022 kienet qed tistenna lill-imputat, Liam Spiteri, l-għarus tagħha dak iż-żmien, fuq il-post tax-xogħol tiegħu ġewwa Ħal Qormi biex jispiċċa mix-xogħol u jmorru d-dar bħas-soltu. Iżda l-imputat qalilha li ried joħroġ u hi ma riditx għaliex l-għada kienet xogħol. Qalilha li fil-każ joħorġu ftit u ma jdumux u hi qablet basta li ma jdumx ma jbiddel. Għalhekk qaltlu li kienet sejra tistennih fil-karozza għaliex ma sabitx fejn tipparkja, u qaltlu biex ma jdumx iżda l-imputat riedha bil-fors tidħol ġewwa fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal Qormi stess.  Madanakollu, peress li ma setgħetx tħalli l-karozza fin-nofs insistiet li tibqa' fil-karozza, u dak il-ħin qabżitlu: qabadha minn xagħarha, ħariġha mill-karozza min-naħa tal-passiġġier, daħħalha fir-residenza tiegħu u sakkarha hemm ġew minkejja li l-karozza tagħha ma kienetx ipparkjata tajjeb.

Hemmhekk, "*qabad jagħti qisu miġnun*" u għamlet sa filgħodu taqla' d-daqqiet.  L-imputat beda wkoll ikisser l-għamara tal-kamra tas-sodda tiegħu, kisser is-sodda u bil-

biċċiet li nqalgħu beda jagħtiha bihom. Qala' wkoll il-kxaxen tal-gwardarobba u qasamhom fuq rasha. Taha wkoll daqqiet bil-ponn u kisser biċċa tal-plastik li jqiegħed il-ħwejjeġ fuqha, fuq rasha. Kellha ħafna daqqiet u nkissrulha wkoll id-dwiefer kollha. Għalkemm ippruvat tiddefendi ruħha billi tilqa' għad-daqqiet ma setgħetx iżżomm miegħu. Barra minn hekk, l-imputat ħadilha ċ-ċwievet tal-karozza kif ukoll il-mobile phone tagħha u ma setgħetx tmur għax-xogħol jew iċċempel lil xi ħadd biex tgħarraf li ma kienetx sejra xogħol. Fil-fatt, l-imputat kien sakkar iż-żewġ bibien tal-post tiegħu u ma setgħetx toħroġ u ma kellhiex aċċess għal barra u ġiet kostretta tibqa' fir-residenza tal-imputat sa fil-għodu sakemm ikkonvinċietu jiftħilha l-bieb u jtiha lura ċ-ċwievet tal-karozza. Lanqas setgħet tmur it-toilet għaliex it-toilet kien fil-kamra ta' barra fejn ma kienx hemm aċċess għaliex l-imputat kien sakkar il-bibien b'aċċess għal din il-kamra, u b'hekk spiċċat tagħmel taħtha.

Xehdet illi b'kollox l-argoment dam sejjer diversi sigħat u għamlet min-nofs il-lejl sas-6.30 a.m. maqfula fil-post tal-imputat sakemm qam u fetħilha u taha ċ-ċwievet tal-karozza. Qabel telqet l-imputat qalilha biex ma tmurx għand il-Pulizija.

Valerie Bonsfield xehdet ukoll illi b'riżultat tas-swat li qalgħet mingħand l-imputat, ma setgħetx tiftaħ għajnejha u wiċċha kien mifqugħ u minħabba f'hekk, għamlet xahar ma setgħetx tmur għax-xogħol u tilfet il-flus. Kellha wkoll tbenġil kullimkien u uġigħ f'idejha, kif ukoll għaddiet minn trawma mentali tant illi ma tistax torqod u l-ħin kollu taħseb fuq l-episodju li ma tistax tinsih. Kemm hu hekk, kellha tfittex l-għajnuna mingħand ir-Richmond Foundation. Meta l-imputat ħalliha toħroġ mill-kamra, l-ewwel marret id-dar u mbagħad baqgħet sejra l-Isptar għaliex ma setgħetx toqgħod b'wiċċha f'dak l-istat. Hemmhekk il-Pulizija qalulha biex tmur tagħmel rapport u fil-fatt marret tagħmel rapport fejn il-Pulizija kienu ħadulha ritratti (Dok. JP5 sa Dok. JP23)[3], liema ritratti għarifthom bħala ritratti tal-ġrieħi li kienet ġarrbet fuq wiċċha, għajnejha, idejha u sqajha.

[3] Ara xhieda ta' PC 2043 Jacqueline Chappell u PC 2426 Josianne Vassallo, 1 ta' Ġunju 2022.

Valerie Bonsfield esebiet ukoll sett ta' ritratti li kienet ħadet hi stess (Dok. VB1 sa VB10) kuljum biex jiġi dokumentat il-progress tat-tbenġil u l-marki l-oħra tad-daqqiet li qalgħet fuq il-persuna tagħha.

Il-Qorti tosserva minnufih illi l-verżjoni li xehdet dwarha Valerie Bonsfield quddiem il-Qorti hija kompatibbli bis-sħiħ mal-verżjoni li rapportat lill-Pulizija fit-18 ta' April 2022 lil PC 2043 Jacqueline Chappell u PC 2426 Josianne Vassallo, skont kif jirriżulta mix-xhieda tagħhom u mir-rapport tal-okkorrenza Dok. JP1. Fix-xhieda tagħha PC 2426 qalet ukoll li Valerie Bonsfield kienet irrapportat li l-imputat kien anke heddidha iktar minn darba li ser joqtolha.

**L-imputat Liam Spiteri** irrilaxxa stqarrija waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fil-25 ta' April 2022[4], wara li kien irrinunzja għall-jedd li jikkonsulta ma' u jkun assistit minn avukat u kif ukoll wara li ngħata d-dritt tas-silenzju[5].

L-imputat fl-istqarrija ikkonferma illi huwa ħebb għall-parti offiża u kkaġunalha ġrieħi f'wiċċha, fil-warrani, fuq il-pala t'idha, fuq sieqha u f'diversi partijiet oħrajn ta' ġisimha. Iżda hu qal li ħebb għaliha wara li hija kienet tatu żewġ daqqiet ta' ħarta waqt li kienu fil-karozza u, meta mbagħad daħlu fil-kamra tiegħu, bdiet toffendih bil-familja tiegħu u semmiet ukoll lil uliedu. Huwa stqarr li meta Valerie semmiet lil uliedu, huwa imbottaha u waqgħet mal-art u meta qamet ipprovat tħebb għalih u hu reġa' imbottaha f'liema waqt, kif waqgħet mal-art, beda jixxuttjaha u taha tnejn bil-ħarta. L-imputat allega illi l-parti offiża tatu daqqa b'imqass fuq idu tax-xellug kif ukoll gidmitu fuq sidru u kienet ħarġitlu tbenġila.

Essenzjalment, l-imputat ammetta li huwa sawwat lil Valerie Bonsfield – għalkemm sostna li aggrediha għaliex kienet offendietu u semmiet lil uliedu, dan ma jagħmel assolutament xejn, fil-fehma tal-Qorti, biex tiġġustifika l-vjolenza li biha rrejaġixxa anke għaliex ma jirriżultax mill-istqarrija tal-imputat xi kliem intqal, allegatament, fil-

[4] Ara Dok. JP3 u dikjarazzjoni ta' rifjut tad-dritt għal assistenza legali, Dok. JP4.
[5] Id-difiza f'kull każ iddikjarat li teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq prova tal-volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

konfront ta' uliedu u fuq kollox għaliex ma ġiex allegat illi f'dak l-istadju Valerie kienet ħebbet għalih. Jekk għal mument il-Qorti kellha temmen lill-imputat li Valerie Bonsfield kienet tatu xi daqqa ta' ħarta jew tnejn, hu eskluż li dan seħħ fil-waqt tal-aggressjoni għaliex skont l-imputat innifsu, dan l-episodju ġara ħin qabel meta huma kienu għadhom fil-karozza ta' Valerie. L-aggressjoni fiżika, kif ġie wkoll mistqarr mill-imputat, seħħet wara li kienu ħarġu mill-karozza u kienu daħlu fil-kamra tiegħu. Aktar minn hekk din il-verżjoni tal-imputat, ċioe' li kien provokat bit-tgħajjir u insulti ta' Valerie, ftit li xejn hija attendibbli meta wieħed jiftakar illi Valerie Bonsfield xehdet li l-imputat kien diġa' qabel daħlu fil-kamra tiegħu, kaxkarha barra mill-karozza tagħha minn xagħarha sempliċement għaliex qaltlu biex ma jdumx ma jlesti u li kienet sejra tistennih fil-karozza. Din il-verżjoni ta' Valerie Bonsfield ma ġietx kuntrastata jew imminata bl-ebda mod u fil-fatt, ma sarilha ebda kontro-eżami.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat lanqas meta stqarr illi Valerie Bonsfield tatu daqqa ta' imqass fuq idu u gdimitu fuq sidru. Ibda biex l-imputat ġiegħel lil Valerie Bonsfield toħroġ mill-karozza u tidħol fil-kamra tiegħu, bil-forza u bil-vjolenza – verżjoni li kif diġa' ġie stabbilit, ma ġietx kontradetta u hija konsistenti mal-verżjoni li ġiet rapportata mill-vittma lill-Pulizija. Inoltre, il-Qorti tqis illi jekk tassew l-imputat ġarrab ġrieħi għaliex ġie aggredit minn Valerie Bonsfield, u kienet sewwasew din l-aggressjoni li pprovokat il-vjolenza li nfexx fiha meta imbottaha mal-art diversi drabi, ixxutthjaha meta kienet mal-art u taha wkoll daqqiet ta' ħarta, kien isemmi jekk mhux jagħmel enfasi fuq din l-aggressjoni mhux biss periferalment fl-aħħar tal-istqarrija tiegħu, iżda b'mod ewlieni bħala ġustifikazzjoni għal egħmilu. Iżda dan m'għamlux u l-Qorti fiċ-ċirkostanzi, u fl-aħjar ipotesi għall-imputat, ma tqisx li tista' tagħti xi affidabbilita' lill-verżjoni tiegħu li huwa aggreddixxa u sawwat lil Valerie Bonsfield għaliex tatu daqqa b'imqass u gidmitu fuq sidru.

Fuq kollox jirriżulta il-fatt li l-imputat la wera dawn il-feriti lill-Uffiċjal Investigattiv waqt l-interrogazzjoni, la jidher li fittex xi kura medika u lanqas ressaq prova oħra li jissostanzja l-allegazzjoni li ġarrab xi ġrieħi b'riżultat ta' xi aggressjoni mwettqa minn Valerie Bonsfield.

Kollox magħdud, il-Qorti hija moralment konvinta bil-verżjoni ta' fatti kif rapportati u sussegwentement ikkonfermata bis-sħiħ minn Valerie Bonsfield fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti u fuq kollox korroborat bil-konfessjoni tal-imputat li hu sawwatha billi imbottaha għal mal-art, taha bis-sieq meta kienet mal-art kif ukoll taha daqqiet ta' ħarta. F'kull każ, b'riżultat tas-swat li qalgħet mingħand l-imputat f'dan l-episodju, Valerie Bonsfield soffriet diversi ammont konsiderevoli ta' ġrieħi fuq ġisimha kollha, senjatament feriti fuq wiċċha konsistenti f'laċerazzjoni fuq għajnejha u tbenġil f'għajnejha. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-feriti m'humiex kompatibbli ma' sempliċi imbottatura u waqgħa mal-art, u lanqas ma' xi daqqiet ta' ħarta u dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Valerie Bonsfield illi l-imputat "*qabad jagħti qisu miġnun*", taha daqqiet b'biċċiet tal-għamara inkluż fuq rasha, kif ukoll daqqiet bil-ponn.

Id-daqqiet fuq ras u wiċċ il-vittma ġew riskontrati minn Dr. Terence Micallef li eżaminaha ġewwa l-Isptar Mater Dei fit-18 ta' April 2022 fil-għodu, għall-ħabta tad-9.00 a.m. ċioe' biss ftit tal-ħin wara l-inċident fejn iċċertifika li kellha "*multiple haematomas and bruises over several parts of the head, including bilateral perioccular heamatomas.*"

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati li kkaġuna lil Valerie Bonsfield offiżi b'mod volontarju.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward l-offiżi kkaġunati fuq il-persuna ta' Valerie Bonsfield, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, bagħat l-imputat biex jiġi aġġudikat għar-reat taħt l-artikolu 216 tal-Kap. 9, bl-aggravanti taħt l-artikolu 222(1)(a) u l-artikolu 202(h) tal-istess Kap. 9.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...).* ***Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika".*** *It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[6] (enfasi tal-Qorti)

Dr. Terence Micallef xehed illi huwa kien eżamina lil Valerie Bonsfield fit-18 ta' April 2022 filgħodu ġewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei u rriskontra għadd ġmielu ta' tbenġil u haematoma fuq diversi partijiet mir-ras u l-kranju kif ukoll fiż-żewġ għajnejn, f'diversi partijiet minn saqajha u idejha kif ukoll fuq daharha. Dawn l-offiżi ġew ilkoll dokumentati fiċ-ċertifikat Dok. TM1.

Dr. Mario Scerri, l-espert mediko-legali li ġie maħtur mill-Qorti biex jeżamina lil Valerie Bonsfield u jirrelata dwar in-natura tal-offiżi li ġarrbet fl-inċident in diżamina, xehed illi hija ġarrbet leżjoni f'wiċċha, speċifikatament fuq is-*supraorbital bone,* konsistenti f'ċikatriċi riżultat ta' laċerazzjoni li saret b'daqqa b'oġġett iebes (*blunt trauma*). Ikkonferma wkoll li din iċ-ċikatriċi tidher minn distanza li normalment tinżamm bejn żewġ persuni li jitkellmu ma' xulxin u dan minkejja li kienu għaddew xahar u nofs mill-inċident. Il-Qorti tqis illi din il-leżjoni tinkwadra sfiq fid-definizzjoni ta' offiża ta' natura gravi kif imfisser fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

[6] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Dan jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi, jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

In materja ta' offiżi ta' natura gravi, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999 qalet hekk:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[7]

In kwantu għal sfreġju fil-wiċċ, dan, diversament minn mankament, huwa kull ħsara li tkerrah id-dehra tal-wiċċ, l-idejn jew l-għonq tal-vittma. Skont l-insenjament paċifiku

[7] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[8] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Il-gravita' u l-permanenza huma ingredjenti essenzjali tal-offiża gravissima taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 iżda mhux tal-offiża gravi taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Kemm hu hekk, il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jiffigura bħala sfreġju għall-fini tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi, jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma u lanqas li din il-ferita tipperdura għal xi żmien materjali. Il-liġi, biex l-offiża titqies bħala offiża ta' natura gravi, trid biss illi l-offiża timmanifesta ruħha f'peġġorament viżibbli tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9. Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari**.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-offiża konsistenti fiċ-ċikatriċi li tinsab fuq is-*supraorbital bone* f'wiċċ il-parti offiża, li tidher fir-ritratti esebiti u li xehed dwarha wkoll l-espert ġudizzjarju, tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Wara li rat ukoll ir-ritratti esebiti fl-atti li fihom jidhru l-offiżi subiti minn Valerie Bonsfield inkluż it-tbenġil u n-nefħa evidenti fiż-żewġ għajnejn, tqis li dawn il-ġrieħi **<u>wkoll</u>** huma ta' natura gravi kif imfisser fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Dan qed jingħad għaliex hi xi ħaġa ovvja li l-offiżi sarrfu f'imperfezzjoni fir-regolarita' tal-wiċċ u kerrhet id-dehra tal-wiċċ, minkejja l-fatt li jista' jkun li kienet biss tbenġila u nefħa u mhux xi ħaġa iktar gravi, minkejja li kienet viżibbli jew ħalliet effetti biss, għal ftit ġranet, u minkejja wkoll il-fatt illi kieku din l-offiża ġġarrbet fuq parti oħra tal-ġisem tal-vittma mhux imsemmija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 din kienet tiffigura bħala offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b)**

[8] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

**tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih anke temporanju tad-dehra tal-wiċċ tal-vittma u l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li t-tbenġil u nefħa riskontrati fuq il-wiċċ ta' Valerie Bonsfield ħassru d-dehra ta' wiċċha u konsegwentement jikkostitwixxu sfreġju ieħor fil-wiċċ, għall-fini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.**

Valerie Bonsfield, kif jirriżulta mir-ritratti esebiti kif ukoll mix-xhieda u miċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Terence Micallef, ġarrbet diversi offiżi oħrajn f'ġisimha konsistenti f'għadd konsiderevolu ta' tbenġil b'riżultat tad-daqqiet u swat li qalgħet mingħand l-imputat, liema offiżi madankollu ma jirrientraw f'ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216 tal-Kap. 9. Huwa eskluż li l-offiżi ta' natura ħafifa li Valerie Bonsfield ġarrbet f'diversi partijiet ta' ġisimha jirrientraw bħala offiża ta' importanza żgħira għall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 għaliex huwa ovvju anke minn daqqa t'għajn ħafifa lejn ir-ritratti li l-effett kemm moralment kif ukoll għal dak li hu l-ġisem tal-parti offiża, m'huwiex ta' importanza żgħira. **Valerie Bonsfield xehdet illi għaddiet minn trawma u kellha tfittex għajnuna psikoloġika minħabba s-swat li qalgħet u stħat ukoll tmur għax-xogħol bit-tbenġil kollu li kellha fuq ġisimha u fuq wiċċha.**

Għalhekk l-imputat sejjer jinstab ħati wkoll li kkaġuna volontarjament mhux biss offiżi ta' natura gravi iżda wkoll offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Valerie Bonsfield.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali indika wkoll l-aggravanti tal-piena skont l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap.9. Dan jipprovdi:

*Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –*

*(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h).*

Issa il-paragrafu (vi) tal-artikolu 202(h) tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-piena għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi fil-każ li tirriżulta illi d-delitt sar fuq persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Billi huwa ppruvat li l-vittma kienet is-sieħba tal-imputat u kienu ilhom f'relazzjoni għal madwar erba' xhur, iżda ma kienux jgħixu taħt l-istess saqaf, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 216(1)(b) għandha tiġi miżjuda bi grad taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikolu 202(h)(iv) tal-Kap. 9 (iżda mhux ukoll taħt il-paragrafu (v) tal-artikolu 202(h)).

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, ċioe' li għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat, ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Iżda Valerie Bonsfield fl-ebda waqt matul ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti ma xehdet illi l-imputat insulentaha jew heddidha b'xi mod. Għalhekk, ma tistax tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll li kkommetta reat volontarju waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Fir-rigward, l-Assistent Reġistratur tal-Qorti esebiet bil-ġurament tagħha vera kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta, debitament ittimbrata mid-Deputat Reġistratur, fil-5 ta' Jannar 2022 fejn Liam Spiteri li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' bħall-imputat odjern, ċioe'

491993M ġie kundannat għal diversi delitti u ngħata sentenza ta' priġunerija għal sena. L-effetti ta' din is-sentenza ġew sospiżi bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9, għal żmien tliet (3) snin.

L-imputat qiegħed jinstab ħati llum li kkommetta delitt aggravat fit-18 ta' April 2022 inqas minn erba' xhur wara li ngħata s-sentenza tal-5 ta' Jannar 2022, ċioe' waqt il-perijodu operattiv tagħha u għalhekk huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 li jipprovdu illi meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ. Fil-każ in diżamina l-Qorti ma riskontrat ebda ċirkostanzi li jikkonviċuha illi ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 u li tittratta mal-imputat odjern billi tastjeni milli tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ jew tibdel l-ordni oriġinali billi testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-5 ta' Jannar 2022.

Il-Qorti kkunsidrat illi l-imputat wettaq l-offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna tas-sieħba tiegħu Valerie Bonsfield biss ftit xhur wara li nstab ħati ta' reati gravi, ċioe' fastidju u r-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, kommessi fil-konfront tas-sieħba ta' qabel tiegħu, Maria Conti li tiġi wkoll omm uliedu. Dan għall-Qorti jfisser li l-imputat għandu attitudni ħażina u ta' stmerrija fil-konfront tan-nisa tiegħu u ma jaħsibhiex darbtejn jintimida u jaggredixxi lil min hu iktar dgħajjef minnu u evidentement ma tgħallem xejn mill-kundanna taħt sentenza sospiża. Lanqas ma wera ebda rimors għam egħmilu minkejja t-trawma li għaddiet minnu Valerie Bonsfield b'riżultat tal-vjolenza esaġerata li wettaq fuqha.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tordna taħt l-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 li s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tal-imputat fil-5 ta' Jannar 2022 minn din il-Qorti kif preseduta, tibda sseħħ.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li hu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal Kodiċi Kriminali. Billi huwa ġie kkundannat għal reat bis-sentenza tal-5 ta' Jannar 2022, liema sentenza għaddiet f'ġudikat għaliex, kif jirriżulta mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti[9], ma ġiex interpost appell minnha, huwa indiksuss li l-imputat għandu jitqies bħala reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9. Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-imputata tista' titqies bħala reċidiva taħt l-Artikolu 50 tal Kap. 9. Dan jipprovdi:-

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-piena għad delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata, (i) tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, hu evidenti li għalkemm l-imputat ġie kundannat għal delitt bis-sentenza tal-5 ta' Jannar 2022, il-piena erogata fis sentenza ma ġietx skontata sad-data meta kkommettiet id-delitt li dwaru sejjer jinsab ħati. Fir-rigward, is-subartikolu (5A) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*

[9] Xhieda tat-30 ta' Jannar 2023.

Kif diġa' stabbilit, ir-reat fil-konfront ta' Valerie Bonsfield ġie kommess fit-18 ta' April 2022 meta l-perijodu operattiv tas sentenza sospiża kien għadu fis-seħħ u kien għadu ma skadiex. Għalhekk, għalkemm id-delitt ġie kommess sewwasew fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-5 ta' Jannar 2022, dik is-sentenza li ġiet sospiża ma kienetx għadha ġiet skontata meta ġiet kommessa s-serqa u għaldaqstant, l-imputata ma jistax jitqies li huwa reċidiv għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.
Ikkunsidrat;

Illi għal kull buon fini u għall-kompeletezza l-Qorti tirrileva illi għalkemm mill-atti u l-provi proċesswali hemm evidenza skjaċċanti li l-imputat issekwestra lil Valerie Bonsfield kontra r-rieda tagħha għal diversi sigħat ġewwa l-kamra fejn kien jirrisjedi, meta ħadilha ċ-ċavetta tal-karozza tagħha u l-mobile phone, u sakkar iż-żewġ bibien tal-kamra b'mod li ma setgħetx toħroġ mill-kamra u titlaq għaliex ma kellhiex aċċess għal barra, lanqas biex tagħmel il-bżonnijiet tagħha, l-imputat ma ġiex mixli bir-reat taħt l-artikolu 86 u bir-reat aggravat taħt l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali.

Ukoll, għalkemm huwa minnu li ċ-ċitazzjoni tindika l-ħin tal-kommissjoni tar-reati b'mod ftit jew wisq konfużjonarju, bħala "*00:00 u 07:00 ta' filgħodu għall-ħabta ta' 20:00hrs*", fil-fehma tal-Qorti mix-xhieda mhux kontradetta ta' Valerie Bonsfield jirriżulta inkonfutabbilment illi l-argoment illi seħħ ġewwa l-karozza tagħha beda wara l-11:00 p.m. fis-17 ta' April 2022. Xehdet illi l-karozza tagħha għamlet xi siegħa barra jew iktar barra fin-nofs tat-triq "*sakemm spiċċa l-argoment*". Jirriżulta wkoll illi wara li l-imputat irnexxielu jkaxkarha barra mill-karozza minn xagħarha u daħħalha fir-residenza tiegħu, beda jsawwatha ripetutament. Il-vittma xehdet: "*għamilt sa filgħodu naqla' d-daqqiet*".

Għaldaqstant, filwaqt li jirriżulta li l-indikazzjoni tal-ħin tal-20:00 hrs li m'hijiex korretta, ir-riżultanzi tal-provi huma kompatibbli mal-indikazzjoni li r-reat ġie kommess bejn il-ħinijiet ta' nofsillejl u s-7.00 a.m tat-18 ta' April 2022, kif sewwa ġie msemmi fiċ-ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għad-delitt taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 biż-żieda fil-piena taħt l-artikolu 222(1)(a) (u 202(h)(vi)), il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi.

Qabel xejn il-gravita' tad-delitti kommessi mill-imputat fil-konfront ta' Valerie Bonsfield, fejn sawwatha ripetutament fuq medda ta' diversi sigħat u b'mod salvaġġ b'oġġetti iebsin fuq diversi partijiet minn ġisimha mingħajr ebda provokazzjoni bir-riżultat li ġarrbet għadd ta' feriti u offiżi li kkaġunawlha uġigħ, mistħija kif ukoll trawma psikoloġika.

Iżda ħadet qies ukoll tal-fatt illi jsib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni fejn l-istess atti jiksru diversi dispożizzjonijiet tal-liġi u għalhekk tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi, ċioe' ir-reat taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 u mhux ir-reat taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9. Fil-fehma tal-Qorti, vjolenza estrema bħal din mhux talli m'hi ġustifikabbli bl-ebda mod u għal ebda raġuni talli hija wkoll, fiċ-ċirkostanzi tal-imputat odjern, manifestazzjoni ta' problemi psikoloġiċi li jekk jitħallew mhux indirizzati u mrażżna, jistgħu potenzjalment jaggravaw. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li jidher li diġa' nstab ħati ta' reati kommessi fil-kuntest ta' vjolenza domestika.

Il-Qorti għandha dmir li tipproteġi lill-vittma ta' vjolenza u tqis illi apparti li għandha tieħu ħsieb li tagħti l-provvedimenti meħtieġa għar-riforma tal-imputat u għall-protezzjoni tal-vittma kif ukoll tas-soċjeta' in ġenerali minn aġir aggressiv u vjolenti bħal dik manifestata mill-imputat, għandha teroga piena li sservi ta' deterrent biex kull min mingħalih li l-vjolenza domestika hija biss perċezzjoni, jew xi fenomenu li għandu jibqa' mistur jew ittollerat, ikun mgħarraf li għandu żball. Ebda forma ta' vjolenza senjatament vjolenza domestika ma għandha tiġi tollerata u bla dubju, fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, l-egħmil tal-imputat jimmerita li jiġi punti bi piena

idonea li twassal messaġġ ċar illi l-vjolenza fuq in-nisa kif ukoll kwalunkwe vjolenza f'unita' domestika hija deplorevoli u għandha tiġi kkundannata b'mod gravi. Il-Qorti sejra tordna wkoll lill-imputat sabiex jieħu trattament psikoloġiku biex jiġi assigurat li jibdel l-attitudni tiegħu lejn il-vjolenza domestika u biex jiġi prevenut l-egħmil ta' reati oħrajn.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 28B, 31, 49, 202(h)(vi), 214, 215, 216(1)(b), 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil LIAM SPITERI ħati tal-ewwel u ir-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li s-sentenza ta' sena priġunerija, mogħtija fil-konfront tal-ħati fil-5 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) v. Liam Spiteri[10], li l-effetti tagħha ġew sospiżi taħt l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tibda sseħħ.**

**B'kollox tletin (30) xahar priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u disgħa u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€289.50) rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti maħturin fil-proċeduri[11] fi żmien tliet (3) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Valerie Bonsfield għal żmien tliet (3) snin liema terminu jibda jgħodd mid-data li tiġi skontata jew maħfura l-piena.**

---

[10] Kumpilazzjoni Numru 5/2022.
[11] Dr. Mario Scerri, Dok. MS1.

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata trattament psikoloġiku biex jifhem li l-vjolenza domestika m'hijiex aċċettabbli u dan għal perijodu ta' sentejn.**

**Tordna li tintbaghat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrrettivi ghall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**